**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 17 ta` Ottubru, 2018.**

**Talba Nru: 142/2018 PA**

**MG Administrators Limited għan-nom u in rappreżentanza tal-condominium 'Chelsea Garages'**

**vs**

**Mark Borg Mangion**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-13 ta` April 2018 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi ppremettiet li hija l-amministratriċi tal-kondominju 'Chelsea Garages' ta` Triq Għar il-Lembri, Sliema, kif jirriżulta mill-minuti tal-laqgħa tal-21 ta` Ottubru 2015, mir-reġistrazzjoni mar-Reġistru tal-Artijiet, u mir-risoluzzjoni ffirmata mill-kondomini; li l-konvenut huwa l-kondominus ta` żewġ parking spaces fl-istess kondominju, u naqas li jħallas il-kontribuzzjoni dovuti minnu għall-perjodu minn Awissu 2017 sa Ottubru 2018, liema kontribuzzjoni ġiet iffissata fil-laqgħa tal-kondomini tat-28 ta` Lulju 2017, u mbagħad ġiet ridotta fil-laqgħa straordinarja tat-23 ta` Ottubru 2017 għal €238.93ċ; li l-konvenut ġie nterpellat diversi drabi biex iħallas is-somma dovuta minnu, inkluż permezz ta` ittra legali tat-8 ta` Marzu 2018 pero` baqa' inadempjenti; li oltre s-somma ta` €547.86ċ, saret dovuta mill-konvenut ukoll is-somma ta` €102 għal xogħol fil-lift u fis-sistema tal-prevenzjoni tan-nar li ma kienx previst qabel, u li ġie approvat

sussegwentement. Għaldaqstant, is-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` sitt mija, disgħa u erbgħin Ewro, sitta u tmenin ċenteżmu (€649.86ċ), bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) kopja tal-minuti tal-laqgħa tal-kondominju miżmuma fil-21 ta` Ottubru 2015 (Dok. MG1, fol. 2); (ii) avviż tar-reġistrazzjoni tal-kondominju (numru 118) (Dok. MG2, fol. 3); (iii) ftehim għall-ħatra tas-soċjeta` attriċi bħala amministratur tal-kondominju (Dok. MG3, fol. 4-11); (iv) risoluzzjoni għall-konverżjoni f'kumpanija tas-soċjeta` attriċi (Dok. MG3, fol. 12-13); (v) fattura datata 1 ta` Awissu 2017 mibgħuta lill-konvenut (Dok. MG4, fol. 14); (vi) minuti tal-laqgħa tal-kondomini miżmuma fit-28 ta` Lulju 2017 (Dok. MG5, fol. 15-16); (vii) fattura tas-soċjeta` attriċi bil-prezz tas-servizzi provduti minnha lill-kondominju bejn Awissu 2017 u Ottubru 2018 (Dok. MG6, fol. 17); (viii) minuti tal-laqgħa tal-kondomini miżmuma fit-23 ta` Ottubru 2017 (Dok. MG7, 18 sa 20); (ix) fattura riveduta tas-soċjeta` attriċi bil-prezz tas-servizzi provduti minnha lill-kondominju bejn Awissu 2017 u Ottubru 2018 (Dok. MG8, fol. 21); (x) ittra legali b'talba lill-konvenut biex iħallas, datata 8 ta` Marzu 2018 (Dok. MG9, fol. 22-23); u (xi) korrispondenza elettronika mibgħuta lill-konvenut bit-talba għall-ħlas (Dok. MG10, fol. 24-25).

Ra li l-konvenut, debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Sema' x-xiehda ta` Gianfranco Desiderato, direttur tas-soċjeta` attriċi, li kkonferma li l-ammont mitlub għadu dovut mill-konvenut lis-soċjeta` attriċi.

It-Tribunal jidirlu li t-talba attriċi tirriżulta pruvata, fuq bilanċ ta` probabiltajiet.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma mitluba ta` sitt mija,

disgħa u erbgħin Ewro, sitta u tmenin ċenteżmu (€649.86ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**